Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2001

Numru 284/2001

Illum 23 ta' Mejju 2001.

Il-Pulizija
Spettur Dennis Theuma
Spettur Simon Galea

Vs

Paul Saliba
Jonathan Calleja
Stephen Borg.

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Paul Saliba ta' 22 sena iben John u Mary nee' Gatt imwieled Pieta' fl-20 ta' April 1978 u residenti 8, Sqaq Nannuwwa B'Kara bin-numru tal-identita' 209678 (M);

Kontra Jonathan Galleja ta' 18-il-sena iben Charles u Gemma nee' Galea imwieled Pieta' fit-28 ta' April 1982 residenti 5, Triq it-Tahhan B'Kara bin-numru tal-identita' 249582(M);

U kontra Stephen Borg ta' 22 sena iben Mary Borg imwieled Pieta' fit-12 ta' Marzu 1978 residenti 22 Sqaq il-Vittorja B'Kara bin-numru tal-identita' 155778(M);

Talli bil-lejl ta' bejn il-21 u 22 ta' Frar 2001 fi Triq San Valentinu Balzan, ikkommettew serq ta' car stereo ditta Pioneer, amplifier tad-ditta Osio, cross over tad-ditta Signat u xi oggetti ohrajn li l-valur taghhom huwa ta' aktar minn mitt lira maltin (Lm100) izda inqas minn hames mitt lira maltin (Lm500) minn go karozza mudell Opel Kadett bir-registrazzjoni CAR 102 ghad-dannu ta' Paul Licari ID: 571248 M u residenti 15 Casa Dei Cari, Triq San Valentinu, Balzan liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-mezz, u bil-hin u bin-natura tal-haga misruqa.  U dan kollu bi ksur tal-artikoli 263 (a) 264 (1) 267 u 271 (g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll lil Paul Saliba u lil Jonathan Galleja wahedhom talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi b'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmijin f'artikoli ohra f'dan il-Kodici volontarjament hassru jew ghamlu hsara fuq l-istess vettura CAR 102 liema hsara hija ta' aktar minn hamsin lira maltin (Lm50) izda anqas minn mitejn lira maltin (Lm200) u dan bi ksur tal-artikolu 325 (b) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Stephen Borg wahdu talli huwa kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta imposti fuqu b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 8 ta’ Jannar 1999 fejn huwa kien gie misjub hati fuq akkuzi ta’ serq u illiberat bil-kundizzjoni li ma’ jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt (3) snin mid-data tal-istess sentenza.

Wara illi rat l-Artikoli 263 (a) 264 (1) 267, 271 (g), 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 49;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputati, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssibhom hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom mill-Prosekuzzjoni.

Ghaldaqstant, fir-rigward tal-imputati Paul Saliba u Jonathan Calleja, filwaqt li qed issibhom hatja qeghda tilliberahom bil-kondizzjoni li ma’ jaghmlux reat iehor fiz-zmien sentejn mil-lum.  Fir-rigward tal-imputat l-iehor Stephen Borg, fil-waqt li ssibu hati qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma’ jaghmilx reat iehor fiz-zmien tlett (3) snin mil-lum.

Din il-Qorti qeghda wkoll tapponta lill-Probation Officer Ms. M’Grace Vella, sabiex issegwihom ghal sena u tirraporta lil din il-Qorti darba kull xahrejn dwar il-progress taghhom u dan a tenur tal-artikolu 5 tal-kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lit-tlett imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------